TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 245/13-F

**Roberto u Adelaide Grech**

**vs**

**Baby Sky**

Illum 1 t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' tmenin ewro (€80), rappreżentanti *Medela Mini Electric Pump* illi wara xahrejn u nofs li ntużat, din ma baqgħetx tiffunzjona sewwa.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma xtraw *Medela Mini Electric Pump,* u wara xahrejn u nofs din il-pompa ma baqgħetx taħdem sewwa u ma setgħetx tintuża aktar, u għalhekk qed jitolbu *replacement.*

L-intimat issottometta illi meta fetħu l-pompa sabu l-ħalib fil-magna u li b'hekk ġralha l-ħsara u li fl-*instructions* hemm ċar u tond x'għandu jsir meta jidħol il-ħalib fil-pompa, illi pero' dawn l-*instructions* ma ġewx segwiti bil-konsegwenza li rendiet il-garanzija bla effett.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jikkonsidra t-talbiet u jinnota illi qed jemmen il-verżjoni tal-intimat, fis-sens illi daħal il-ħalib fil-pompa bil-konsegwenza li għamlet ħsara fil-magna tal-pompa, u b'hekk it-Tribunal jiddikjara illi t-talba tar-rikorrenti mhix ġustifikata minħabba l-fatt illi ġara dak li allegatament seħħ.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888